**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
**----------------------------------------**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA15.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Ġunju 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-6.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson.*
Is-Sur Vincent Borg - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-18 ta' Ġunju 2012.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Rendikont tal-proġetti pendenti mill-Kumitat.
3. Kiri tal-*Kiosk* tax-Xlendi.
4. Proposta biex il-Kumitat jadotta sistema ta' *Internal Memos* b' *e-mails*.
5. Proposta ta' arti fiċ-ċeramika fix-Xlendi.
6. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
7. Mistoqsijiet mill-membri.
8. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA14.

**2.00 Rendikont tal-proġetti pendenti mill-Kumitat.**

2.01 Il-proġett ta' Eco-Gozo fix-Xlendi għaddej iżda qed jinqalgħu xi problemi mal-Kuntrattur. Suppost li x-xogħol tlesta fit-22 ta' Ġunju 2012 u issa huwa kkalkulat li jitlesta fi żmien 15-il ġurnata.

2.02 Il-kisi tal-passaġġ tal-Kantra huwa lest.

2.03 Memo 94/2010 - Skema ta' Finanzjament għall-Proġetti u Inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-Lokalitajiet Tagħhom, fejn oriġinalment il-Kumitat kien ippropona li jsir tisbiħ tal-passaġġ ta' l-Għar ta' Karolina, u peress li l-permessi tal-MEPA għadhom ma ħarġux, il-Kumitat qed jipproponi li l-fondi ta' €20,000 jintefqu f' pavimentar tal-passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi. Il-Kumitat ser ikellem lill-Perit biex jiġi aċċertat li jekk dan ix-xogħol isir irid ikun jiflaħ għall-maltemp u l-elementi tal-baħar. Il-Kumitat irid jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-estenzjoni sa l-aħħar tas-sena peress li ma jistax isir xogħol qabel l-aħħar t' Ottubru 2012.
Sakemm isir dan ix-xogħol, il-Kumitat ser jitlob li dan il-passaġġ jinħasel darba kull ħmistax mill-Beach Cleaners.

**3.00 Kiri tal-*Kiosk* tax-Xlendi.**

3.01 Kif kien deċiż fil-laqgħa preċidenti, l-Kumitat kiteb lill-HSBC Bank Malta plc fejn informah li s-somma ta' €2,350 fis-sena hija baxxa u ntalab jerġa' jikkonsidra l-offerta. L-HSBC Bank Malta plc żied l-offerta għal €2,500 fis-sena. Iċ-*Chairperson* ma jarax x' jista' jkun vijabbli għal dik il-*Kiosk* u ma huwiex sew li Ix-Xlendi jispiċċa mingħajr servizz ta' ATM. Is-Sur Vincent Borg ma jaqbilx fuq il-prezz għaliex huwa ftit wisq. Għaldaqstant, iċ-*Chairperson* is-Sur Godwin Azzopardi, s-Sur Mark Busuttil u s-Sur Michele Fenech Adami qablu li din il-*Kiosk* tingħata lill-HSBC Bank Malta plc għal tliet snin. Is-Sur Vincent Borg ma qabilx.

**4.00 Proposta biex il-Kumitat jadotta sistema ta' *Internal Memos* b' *e-mails*.**

4.01 Iċ-*Chairperson* ippropona li l-Kumitat jadotta sistema ta' *Internal Memos* b' *e-mails*. Peress li l-membri kollha huma *busy*, jekk tinqala' xi ħaġa urġenti għandha tintbagħat *e-mail* lil kulħadd. Iċ-*Chairperson* ser jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar dan.

**5.00 Proposta ta' arti fiċ-ċeramika fix-Xlendi.**

5.01 Iċ-*Chairperson* ressaq proposta sabiex il-Kumitat Amministrattiv iżejjen xi ħajt fix-Xlendi b' arti taċ-ċeramika li ssir minn tfal u residenti tax-Xlendi. Postijiet fejn jista' jsir dan huma mal-ħajt ta' maġenb Zafiro Restaurant, iċ-ċint li hemm fl-Iskal tad-Dgħajjes jew mal-ħajt tal-passaġġ ta' taħt Triq San Xmun. Huwa stmat li din ser tiġi tiswa' €5,000. Iċ-*Chairperson* ser ikompli jaħdem fuq din il-proposta u ser jikteb lill-Eco-Gozo għall-finanzjament ta' dan il-proġett.

**6.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li kien sar *flyer* rigward il-ġbir ta' skart fix-Xlendi. B' effett minn nhar il-Ħadd, 1 ta' Lulju 2012 sa nhar il-Ħadd, 30 ta' Settembru 2012, il-ġbir ta' skart domestiku ser isir kuljum inkluż il-Ħdud u Btala Pubblika. Mit-Tnejn tas-Sibt il-ġbir jibda fit-8.30 ta' filgħodu u l-Ħadd jibda fid-9.30 ta' filgħodu. Kull nhar ta' Tlieta jkun hemm ukoll ġabra oħra għal skart riċiklabbli.
Dan il-*flyer* intbagħat lir-residenti tax-Xlendi.

6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li kien sar *flyer* rigward it-tibdil fir-rotta ta' l-Arriva għax-Xlendi u ntbagħat lir-residenti tax-Xlendi u Il-Munxar. Fix-xhur li għaddew, il-Kunsill flimkien mal-Kumitat talbu sabiex ir-rotta tax-Xlendi tibda tgħaddi mill-Munxar. Għaldaqstant, Transport Malta laqgħet it-talba u b' seħħ mis-27 ta' Mejju 2012, ir-rotta 306 (Ix-Xlendi) ġiet estiża b' ħinijiet aktar frekwenti. Din titlaq mit-Terminus tar-Rabat, tibqa' sejra għal Pjazza tal-Knisja (Il-Munxar), tgħaddi minn Triq it-12 ta' Diċembru 1957, Triq Ras il-Bajjada, Triq il-Qsajjem u minn Triq San Xmun għal Pjazza l-Anfori fix-Xlendi. Minn hemm tibqa' sejra lejn ir-Rabat fejn tgħaddi minn Triq ir-Rabat u Triq ix-Xlendi għal Fontana u tasal fit-Terminus tar-Rabat. Ma' l-avviż intbagħtet it-*time table* il-ġdida.

6.03 Il-Kumitat irċieva stima mingħand Calleja Ltd. dwar *light fittings* li ser jitwaħħlu fl-Għar tax-Xlendi u quddiem l-istatwa ta' Sant' Indrija. Din l-istima hija ta' €944.83. Kien hemm qbil li dawn il-*light fittings* jiġu ordnati hekk kif Calleja Ltd. jikkonferma li għandhom *in stock*.

6.04 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand resident fix-Xlendi fejn qed juri apprezzament li r-rotta tal-Arriva tax-Xlendi bdiet tgħaddi mill-Munxar.

6.05 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva ilment li fi Triq ir-Rumani hemm karozza abbandunata u xi ħmieġ fl-inħawi. Il-Kumitat ser jirreferi dan l-ilment lill-Pulizija u lill-MEPA.

6.06 Il-Kumitat irċieva mingħand il-MEPA fejn ġejna informati li fix-Xlendi ma jistax isir *excavation* u *demolition* bejn il-15 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru 2012.

6.07 Il-Kumitat irċieva ilment rigward il-ħaxix ħażin li qed jikber f' għalqa fi Triq il-Kantra tant li qed jagħlaq il-veduta għal dawk li jkunu bilqiegħda fuq il-bank. L-għalqa li qed jirreferi għaliha hija privata iżda ser isir tentattiv sabiex din titnaddaf.

6.08 Skema 94/2010 - Skema ta' Finanzjament għall-Proġetti u Inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-Lokalitajiet Tagħhom. Peress li l-MEPA għadha ma approvatx il-permess sabiex isir tisbiħ fil-passaġġ li jagħti għal Għar ta' Karolina, d-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab lill-Kumitat sabiex jipprepara proġett ieħor li jkun lest sal-31 t' Ottubru 2012. Il-Kumitat ser jipproponi li jsir pavimentar fil-passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi, iżda, d-Dipartiment irid jibdel id-*deadline* għal-31 ta' Diċembru 2012, peress li dan ix-xogħol irid isir wara Ottubru. Il-Kumitat ser jikkonsulta mal-Perit sabiex ikun ikkonfermat li dan ix-xogħol ma jsirlux ħsara bil-maltemp u bl-elementi tal-baħar.

6.09 Il-Kumitat irċieva mingħand il-MEPA li l-Fond UIF għax-Xlendi huwa €12,290.00.

6.10 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba sabiex tabella li qiegħda quddiem il-Moby Dick titħarrek. Din diġa' kienet tħarrket.

6.11 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva suġġeriment sabiex l-*area* viċin il-Mitħna titwitta u tkun tista' tintuża għal p*arking*. Dan dejjem isir wara li jinġiebu l-permessi mingħand is-Sidien.

6.12 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva suġġeriment sabiex pilastru li kien jintuża għat-*telephone* tal-Pulizija fl-Iskal tad-Dgħajjes jitneħħa u jsir bank minfloku. Kien hemm qbil dwar dan.

6.13 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva ilment li fil-passaġġ li jagħti għat-Torri hemm xi turġien li għandhom il-ġebel jitħarrek u huma ta' periklu. Il-Kumitat kien ser jirranġa dawn.

6.14 Il-Kumitat irċieva ilment dwar mużika għolja fis-sigħat bikrin tal-Ħadd, is-17 ta' Ġunju 2012, li kien ġej mill-Kumpless La Grotta. Dan l-ilment ġie rreferut lill-Pulizija.

**7.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

7.01 Iċ-*Chairperson* ilmenta li kull nhar ta' Sibt tard filgħaxija u kmieni l-Ħadd filgħodu fi Triq ir-Rabat qed ikun hemm karozzi li jirrejżjaw il-magna u qed tkun ta' inkonvenjent għar-residenti. Il-Pulizija għandu jissorvelja din it-triq f' dan il-ħin u f' dik il-ġurnata sabiex jinqata' dan l-abbuż.

**8.00 Materji oħra.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kumitat li l-*Bus Shelter* tal-*Parking* tax-Xlendi ser issir minflok it-*Tourist Kiosk* li ma kienx jintuża.
Fi Triq il-Biżantini hemm bżonn li titwaħħal tabella *cul-de-sac* u anke' jitwaħħal l-isem tat-triq.
Is-Sindku qed jissuġġerixxi sabiex minflok il-lampa li hemm imwaħħla ma' l-HSBC Bank Malta plc u li għadha kemm intfiet, titwaħħal *floodlight*.
Il-Pulizija tax-Xlendi qed jitlob sabiex issir tabella ta' 'No Entry' sabiex ikun jista' jpoġġiha fit-Triq ir-Rabat fil-ħinijiet li din tkun magħluqa.
Is-Sindku ssuġġerixxa li fil-*pots* tax-Xlendi ma jinxtrawx xtieli kbar, iżda xtieli żgħar bil-fjuri magħhom.
Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex il-Kumitat jagħmel talba lill-Awtoritajiet konċernati sabiex isir *Water Fun Park* bħal dak ta' Buġibba. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***